KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 10.9.2007
KUMM(2007) 510 finali

2007/0187 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 80/181/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-unitajiet ta' kejl

(preżentata mill-Kummissjoni)

{SEG(2007) 1136}
{SEG(2007) 1137}

MT

MT

MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

Wara konsultazzjoni wiesgħa tal-partijiet interessati u stima ta' l-impatt, il-Kummissjoni tipproponi l-aġġornar tad-Direttiva 80/81/KEE sabiex tinkludi l-protezzjoni tal-konsumatur u l-ambjent fl-ambitu tagħha, sabiex tinkludi bħala unità legali l-unità ġdida SI għal attività katalitika (katal), sabiex tippermetti l-użu ta' indikazzjonijiet supplementari b'mod indefinit u ma tkomplix tirrikjedi lir-Renju Unit u l-Irlanda sabiex itemmu l-eżenzjonijiet lokali limitati għal pinta, mil, u troy ounce fejn għadhom qed jintużaw.

1. SFOND

1.1. Leġiżlazzjoni attwali

Id-Direttiva hija applikabbli mill-1980 u serviet sabiex tistandardizza l-użu ta' l-unitajiet legali tal-kejl fi ħdan l-UE skond is-Sistema Internazzjonali (SI) ippropagata mill-korp internazzjonali kompetenti, il-Bureau International des Poids et Mesures.

1.2. Il-ħtieġa għar-reviżjoni

Hemm klawżola ta' skadenza (l-Artikolu 3.2) fid-Direttiva, li ma tippermettix aktar l-użu ta' indikazzjonijiet supplementari (mhux metriċi) sa l-2009. Kieku kellha tapplika, l-UE jkollha tirrikjedi li t-tikkettjar kollu jkun metriku biss u dan jista' joħloq problemi lill-operaturi ekonomiċi u jfixxklu l-kummerċ u l-kompetittività internazzjonali għaliex l-Istati Uniti ta' l-Amerika tirrikjedi tikkettjar mhux metriku ma' ġenb dak metriku. Id-Direttiva (l-Artikolu 6a) tispeċifika li kwistjonijiet marbuta ma' l-implimentazzjoni tagħha, u b'mod partikolari l-kwistjoni ta' indikazzjonijiet supplementari, għandhom jiġu vverifikati b'mod ulterjuri.

Ukoll, id-Direttiva teħtieġ li tiġi aġġornata skond il-progress tekniku, li f'dan il-każ ifisser l-inklużjoni ta' l-unitajiet metriċi ġodda li dwarhom hemm ftehim internazzjonali. Fil-każ ta' unitajiet metriċi ġodda, minħabba progress tekniku, jekk ma jsirx mod ieħor l-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-liġijiet nazzjonali, li f'ċerti każijiet jistgħu jirrikjedu tikkettjar mill-ġdid, notevolment fil-każ ta' mumenti differenti ta' implimentazzjoni ta' dawn il-liġijiet nazzjonali.

Ir-Renju Unit u f'ċerti każijiet l-Irlanda jkollhom f'ċerti każijiet jiffissaw data sabiex jintemmu l-aħħar eżenzjonijiet taħt l-Artikolu 1.b, fejn għadhom qed jiġu applikati (pinta għall-ħalib fi flixkien li jistgħu jintbagħtu lura u birra u cider li jinbiegħu mill-bittija, mil għas-sinjali tat-toroq, il-veloċità u l-kejl ta' distanza, troy ounce għal tranżazzjonijiet f'metalli prezzjużi). Minkejja dan l-esperjenza wriet li dawn l-użi huma lokali u mingħajr l-ebda ostaklu għall-kummerċ transkonfinali.

L-eżenzjoni tat-tommna għar-reġistrazzjoni ta' l-art permessa taħt l-Artikolu 1.b minkejja dan ma għadhiex tintuża, minħabba bidliet fil-proċeduri amministrattivi fiż-żewġ Stati Membri.

1.3. Stima ta' l-Impatt ta' alternattivi tal-politika

Bħala parti mill-politika dwar regolamentazzjoni aħjar[1] il-Kummissjoni implimentat stima ta' l-impatt ta' l-alternattivi tal-politika, li qieset tliet alternattivi. li ma tittieħed l-ebda azzjoni, li tiġi rrevokata d-Direttiva u li tiġi aġġornata d-Direttiva.L-istima ta' l-impatt uriet l-għażla li "tiġi aġġornata d-Direttiva" bħala l-alternattiva ppreferita, għaliex iżżomm il-qagħda attwali u ma tirrikjedi l-ebda spejjeż amministrattivi, li f'dan il-qasam jikkonċernaw prinċipalment l-ispejjeż tat-tikkettjar. Din l-alternattiva tinkludi sinerġija bejn l-estensjoni ta' l-użu ta' indikazzjonijiet supplementari u l-flessibilità ssuktata fir-rigward ta' applikazzjonijiet mhux metriċi fil-prattika attwali ta' infurzar tad-Direttiva, notevolment fis-setturi li jużaw kejl li għalih ma teżisti l-ebda unità metrika, eż. kejl binarju fil-qasam tal-kompjuters (bits, bytes). Din l-għażla għandha tiżgura applikazzjoni ssuktata tal-prattika attwali li b'mod ġenerali, ma tatx problemi maġġuri. Il-fatt li r-Renju Unit u l-Irlanda jkunu permessi eżenzjonijiet indefiniti (pinta, mil, troy ounce) jagħraf in-natura u l-impatt lokali ta' l-eżenzjonijiet u huwa skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà.

L-ispejjeż prinċipali li jirriżultaw mill-alternattiva ta' "l-ebda azzjoni" għandhom ikunu spejjeż amministrattivi li huma sinifikanti u li probabbilment ikunu l-ogħla għall-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju minħabba l-effetti iżgħar ta' l-iskala. Sabiex l-istima ta' l-impatt tinżamm proporzjonali ma saret l-ebda stima sħiħa bl-użu tal-mudell ta' l-ispiża standard, iżda l-istimi pjuttost simili minn sorsi varji fl-industrija huma ta' min jorbot fuqhom.

Spejjeż li jirriżultaw mill-alternattiva l-oħra li ssir "revoka tad-Direttiva" huma inċerti ħafna iżda faċilment jistgħu jkunu għolja u jirrelataw mal-fatt li l-Istati Membri jistgħu jimplimentaw l-istandards internazzjonali b'mod differenti u b'hekk jikkawżaw inċertezza u possibilment ostaklu għall-kummerċ. Ukoll, jaf ikun hemm telf li jiswa ħafna flus fuq bażi inċidentali minħabba miżinterpretazzjonijiet, pereżempju l-vettura spazjali Marslander ta' l-Istati Uniti li ġarrbet ħsarat fuq Mars minħabba tħaddim ħażin għaliex l-indikazzjonijiet ta' pulzier/libbra tfixxklu ma' l-indikazzjonijiet metriċi fil-fażi ta' produzzjoni.

L-awtorizzazzjoni ta' indikazzjonijiet supplementari għal perjodu ieħor ta' 10 snin (ir-raba' żmien ta' skadenza wara l-1989, l-1999 u l-2009) timplika tibdiliet futuri maġġuri f'mill-inqas tliet żoni ta' politika (id-dijanjostikar *in vitro*, it-tikkettjar nutrizzjonali u d-drittijiet intellettwali tal-proprjetà) u ma titqiesx bħala sinjal pożittiv għall-bidla fl-Istati Uniti ta' l-Amerika, li jekk tippermetti tikkettjar li huwa biss metriku jitroddilha lura ostaklu kummerċjali ta' l-UE għat-tikkettjar b'indikazzjonijiet supplementari.

2. MIRI U GĦANIJIET TAL-PROPOSTA

2.1. Simplifikazzjoni u regolazzjoni aħjar

Huwa propost minħabba r-raġunijiet mogħtija hawn fuq li tinżamm il-qagħda attwali minħabba li ma tirrikjedi l-ebda spiża amministrattiva ġdida, li f'dan il-qasam tikkonċerna prinċipalment l-ispejjeż tat-tikkettjar. Dan jista' jitqies bħala simplifikazzjoni.

---

[1] Ftehim Interistituzzjonali dwar Leġiżlazzjoni Aħjar iffirmat f'Diċembru 2003 u **Governanza Ewropea: Leġiżlazzjoni Aħjar**, COM(2002) 275 final, 5.6.2002

[2] Impatti ta' Alternattivi tal-Politika tat-28 ta' Mejju 2003 ippubblikat f'Ġunju 2003

Din il-proposta tinkludi sinerġija bejn l-estensjoni ta' l-użu ta' indikazzjonijiet supplementari u flessibilità ssuktata fir-rigward ta' applikazzjonijiet mhux metriċi fil-prattika attwali ta' infurzar tad-Direttiva, notevolment fis-setturi li jużaw il-kejl li għaliħ ma teżisti l-ebda unità metrika, eż. kejl binarju fil-qasam tal-kompjuters (bits, bytes). Hija għandha tiżgura applikazzjoni ssuktata tal-prattika attwali li b'mod ġenerali ma tatx problemi maġġuri u dan jista' jitqies bħala regolazzjoni aħjar.

Il-fatt li r-Renju Unit u l-Irlanda jissuktaw bl-eżenzjonijiet b'mod indefinit (pinta, mil, trou ounce) ma jwassalx għal ostakli kummerċjali u li ma tintalabx bidla hawnhekk tista' titqies kompatibbli mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

2.2. Il-Bażi Legali

Il-bażi legali għad-Direttiva proposta hija l-Artikolu 95 tat-Trattat tal-KE.

3. IL-KOERENZA MAL-PRINĊIPJI KOMUNITARJI

3.1. Proporzjonalità

L-għan tad-Direttiva huwa li tiżgura li l-użu ta' unitajiet ta' kejl ikun armonizzat fuq il-bażi tal-ftehim internazzjonali dwar is-sistema ta' l-unitajiet SI għall-espressjoni ta' kwantitajiet. Hija tadatta l-eżenzjonijiet b'mod li qatt aktar ma jkun rikjest segwitu u sabiex l-operaturi tas-suq ikollhom ambjent regolatorju stabbli u permanenti.

L-aġġornament rekwiżit huwa dovut għal influwenzi esterni, jiġifieri l-Istati Uniti ta' l-Amerika għadha involuta fi proċess gradwali sabiex tadatta kompletament is-sistema legali tagħha għall-użu ta' tikettjar metriku biss, filwaqt li l-industrija hija komda bil-kejl f'unitajiet mhux metriċi, minħabba t-tradizzjoni jew minħabba nuqqas ta' alternattivi metriċi.

Il-permess ta' l-użu ssuktat ta' indikazzjonijiet supplementari ma jfissirx li l-Komunità taċċetta l-ostakli attwali mhux tariffarji f'pajjiżi terzi kontra oġġetti ttikkettjati esklussivament fl-unitajiet SI. Dan jirrappreżenta diffikultà li hija ta' tħassib maġġuri għall-Komunità u jeħtieġ li jibqa' jiġi indirizzat b'mod bilaterali fil-kuntatti li għaddejjin bħalissa tal-Kummissjoni ma' pajjiżi terzi ta' dan it-tip. Il-qagħda f'dawn il-pajjiżi terzi tjiebet bil-mod il-mod matul dawn l-aħħar għaxar snin, iżda teħtieġ li tittejjeb b'mod ulterjuri qabel dawn il-pajjiżi jistgħu jingħaddu li japplikaw kompletament l-istandards internazzjonali attwali fir-rigward ta' l-unitajiet SI.

3.2. Sussidjarjetà

L-UE mhijiex sinjatarja tal-ftehim tal-Konvenzjoni tal-Metru dwar l-unitajiet metriċi, iżda l-Istati Membri kollha huma marbuta bil-ftehim li jimplimentawh fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom. Il-ftehim ma jorbotx, u għalhekk l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jibbażaw il-liġijiet tagħhom f'modi differenti fuq il-ftehim, kif ġara qabel l-1980 u jista' jerġa' jiġri fil-każ ta' unitajiet ġodda. Azzjoni mill-UE hija meħtieġa sabiex tiżgura strateġija komuni.

Id-Direttiva attwali tiżgura strateġija komuni fuq il-bażi ta' l-Artikolu 95 tat-Trattat bir-riżultat li l-unitajiet tal-kejl huma armonizzati fis-Suq Intern. Bħala riżultat mhemm l-ebda ostaklu kummerċjali fis-Suq Intern minħabba l-unitajiet tal-kejl, li huma skond l-istandards internazzjonali.

Fir-rigward ta' l-iffissar ta' data li fiha jintemmu l-eżenzjonijiet attwali (pinta għall-ħalib fi flixkien li jistgħu jintbagħtu lura u birra u cider mill-bittija, mil għas-sinjali tat-traffiku fit-toroq, kejl ta' distanza u veloċità, troy ounce għal tranżazzjonijiet fil-metalli prezzjużi), dawn ma jidhrux li jħallu impatt fis-suq waħdieni u għalhekk huma skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà.

4. KOERENZA MAL-POLITIKA KOMUNITARJA

4.1. Il-kompetittività

Il-proposta żżomm għaddejja l-qagħda attwali billi ma tirrikjedi l-ebda spiża amministrattiva, jiġifieri prinċipalment spejjeż ta' ttikkettjar u għandha benefiċċji ekonomiċi relattivament għolja madwar l-UE u madwar id-dinja. Dan huwa dovut għall-iffrankar fuq spejjeż amministrattivi, li jsiru jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni mill-UE.

4.2. L-Iżvilupp Sostenibbli

Kejl preċiż u tajjeb huwa element importanti fl-iżvilupp sostenibbli li għalih id-Direttiva hija għodda meħtieġa. Dan għandu jkun kompletament rifless fl-ambitu, ara l-punt li jmiss.

4.3. Politiki oħra tal-Komunità

L-ambitu tad-Direttiva attwali huwa wiesa' u l-ambitu tagħha ma għandux ikun limitat għal oqsma speċifiċi ta' l-azzjoni tal-Komunità. Pereżempju, fil-protezzjoni tal-konsumatur u l-protezzjoni ambjentali l-unitajiet attwali ta' kejl qed jiġu applikati. L-Artikolu 2(a) li jistipula l-ambitu tad-direttiva ma għandux ikollu referenzi għal għanijiet tal-Komunità li diġà huma konsegwenza tal-bażi legali, jiġifieri l-Artikolu 95 tat-Trattat. Din hija bidla għal raġuni amministrattiva u mhemm l-ebda spiża mistennija filwaqt li l-qagħda attwali ta' benefiċċju tissokta.

5. REFERENZA GĦALL-PROGRAMM TA' ĦIDMA

Ma teżisti l-ebda referenza ta' din il-proposta fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni, u r-raġuni tal-preżentazzjoni tagħha hija waħda esterna li kienet diffiċli li titbassar.

6. RELEVANZA GĦAŻ-ŻEE

Din il-proposta hija koperta mill-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

7. KONSULTAZZJONI ESTERNA

Il-partijiet interessati kienu kkonsultati matul il-perjodu ta' 10 ġimgħat sa l-1 ta' Marzu 2007. Ir-reazzjonijiet kollha ġew ippubblikati fis-sit ta' l-internet Europa sa nofs April, minbarra dawk kunfidenzjali u dawk ta' azjendi individwali fejn kien hemm ir-riskju potenzjali ta' ksur ta' kunfidenzjalità.

Minbarra l-kontributi lill-konsultazzjoni pubblika, li fost oħrajn ġew minn esperti fil-qasam (akkademiċi, għalliema) iżda l-biċċa l-kbira ġew mill-industrija, ma ntuża l-ebda għarfien espert estern.

L-istandards minimi tal-Kummissjoni ntlaħqu u għalhekk ir-reazzjonijiet ma ġew esklużi bl-ebda mod.

Il-kontribut kollu mill-partijiet interessati ġie ppreżentat u diskuss fir-rapport dwar il-konsultazzjoni pubblika. Ir-reazzjonijiet mill-industrija ta' l-UE kienu inqas żbilanċjati ġeografikament milli dawk minn individwi u kienu unanimi. Il-konklużjoni ewlenija fir-rapport issegwi r-rakkomandazzjoni unanima ta' l-industrija li tirrrevoka l-klawżola ta' skadenza.

2007/0187 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 80/181/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-unitajiet ta' kejl

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[3],

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat[4],

Billi:

(1) Id-Direttiva 80/181/KE[5] tirrikjedi lir-Renju Unit u l-Irlanda li jiffissaw data għat-tmiem ta' l-eżenzjonijiet, fejn għadhom qed jiġu applikati, fir-rigward ta' pinta tal-ħalib fi flixkien li jistgħu jintbagħtu lura u birra u cider mill-bittija, mil għas-sinjali tat-toroq u l-indikazzjonijiet tal-veloċità, u troy ounce għat-tranżazzjonijiet fil-metalli prezzjużi. Minkejja dan, l-esperjenza wriet, fid-dawl tal-karattru lokali ta' dawk l-eżenzjonijiet u n-numru limitat ta' prodotti kkonċernati, it-tkomplija ta' l-eżistenza ta' l-eżenzjonijiet mhijiex se twassal għall-impożizzjoni ta' ostaklu mhux tariffarju għall-kummerċ, u bħala konsegwenza m'għadx hemm il-ħtieġa li dawn l-eżenzjonijiet jintemmu.

(2) Huwa xieraq li jiġi ċċarat li l-ambitu tad-Direttiva 80/181/KE huwa konsistenti ma' l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 95 tat-Trattat u li mhuwiex limitat għal xi kamp speċifiku ta' azzjoni tal-Komunità.

(3) Id-Direttiva 80/181/KEE tawtorizza l-użu ta' indikazzjonijiet supplementari flimkien ma' l-unitajiet legali stipulati fil-Kapitolu I ta' l-Anness ta' dik id-Direttiva sal-31 ta' Diċembru 2009. Minkejja dan, sabiex jiġi evitat li jinħolqu l-ostakli għal kumpaniji tal-Komunità li jesportaw għal ċerti pajjiżi terzi li jirrikjedu li l-prodotti jiġu mmarkati f'unitajiet oħra minbarra dawk stipulati fil-Kapitolu I, huwa xieraq li tinżamm kif inhi l-awtorizzazzjoni għall-użu ta' indikazzjonijiet supplementari fuq bażi permanenti.

---

3 ĠU C , , p. .

4 ĠU C , , p. .

5 ĠU L 39, 15.2.1980, p. 40. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 1999/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 34, 9.2.2000, p. 17).

(4) Indikazzjonijiet supplementari għandhom jippermettu wkoll l-introduzzjoni gradwali u bla skossi ta' unitajiet metriċi ġodda li jistgħu jiġu żviluppati fil-livell internazzjonali.

(5) Fl-1999 il-Konferenza Ġenerali dwar il-Piżijiet u l-Kejl, adottat, fi ħdan il-qafas tas-Sistema Internazzjonali ta' l-Unitajiet (SI), il-"katal", simbolu "kat", bħala l-unità SI għal attività ta' kataliżi. L-unità SI ġdida armonizzata għandha tiżgura indikazzjoni koerenti u uniformi ta' unitajiet ta' kejl fl-oqsma tal-mediċina u l-bijokimika u bħala konsegwenza għandha telimina kwalunkwe riskju ta' miżinterpretazzjoni li jista' jirriżulta mill-użu ta' unitajiet li mhumiex armonizzati.

(6) Minħabba li t-tomna mgħadhiex tintuza aktar għall-għanijiet ta' reġistrazzjoni ta' l-art fir-Renju Unit u l-Irlanda mhemm l-ebda ħtieġa li tingħata eżenzjoni f'dak ir-rigward.

(7) Id-Direttiva 80/181/KE għalhekk għandha tiġi emendata skond dan.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 80/181/KEE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1, il-punt b jinbidel b'dan li ġej:

"(b) dawk elenkati fil-Kapitolu II ta' l-Anness f'dawk l-Istati Membri biss fejn kienu awtorizzati fil-21 ta' April 1973."

(2) Fl-Artikolu 2, il-punt a jinbidel b'dan li ġej:

"(a) L-obbligi li joħorġu mill-Artikolu 1 jirrelataw ma' l-istrumenti użati ta' kejl, il-kejl li sar u indikazzjonijiet ta' kwantità espressi f'unitajiet tal-kejl."

(3) F'Artikolu 3, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. L-użu ta' indikazzjonijiet supplementari għandu jkun awtorizzat."

(4) L-Anness huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-Kapitolu I, il-punt 1.2.3, tiżdied ir-ringiela li ġejja:

ATTIVITÀ KATALITIKA	*KATAL*	*KAT*		*MOL* · S^{-1}

(b) Fil-Kapitolu II, titħassar ir-ringiela li ġejja:

REĠISTRAZZJONI TA' L-ART	*TOMNA*	*1 AC = 4 047* M^2	*AC*

(c) Fil-Kapitolu II, l-aħħar sentenza tinbidel b'dan li ġej: "L-unitajiet elenkati f'dan il-Kapitolu jistgħu jiġu kkumbinati ma' xulxin jew ma' dawk fil-Kapitolu I sabiex jiffurmaw unitajiet komposti."

.Artikolu 2
It-traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard minn [il-31 ta' Diċembru 2009], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

   Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet minn [l-1 ta' Jannar 2010].

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir referenza bħal din.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-[20] jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, […]

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
[...]

Għall-Kunsill
Il-President
[...]